MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 129/2007

**Edmund Barbara**

**vs**

**Aphron Agius u Juliana Agius**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti li jhallsu s-somma ta' mitejn u tlieta u disghin lira (Lm 293) *in solidum* bejniethom rapprezentanti kwantu ghal Lm 288 import ta' tmintax-il kambjala skaduti u mhux imhallsa u kwantu ghal Lm 5 bhala spejjez legali dokumenti annessi mat-talba

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data ta` l-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenuti li minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghal hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u l-anqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat minn Dr. Claudine Zarb fis-26 ta' Ottubru, 2007 u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------